

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 30 ta' Settembru 2016 – Flowil International Lighting vs EUIPO – Lorimod Prod Com (Silvania Food)**

(Kawża T-430/15) <sup>(1)</sup>

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva Silvania Food — Trade marks tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti SYLVANIA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009*”]

(2016/C 419/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Flowil International Lighting (Holding) BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: J. Güell Serra, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: SC Lorimod Prod Com, Srl (Simleul Silvaniei, ir-Rumanija)

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta’ Mejju 2015 (Każ R 616/2014-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Flowil International Lighting (Holding) u SC Lorimod Prod Com.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Flowil International Lighting (Holding) BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 320, 28.9.2015

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta’ Ottubru 2016 – Foodcare vs EUIPO – Michalczewski (T.G. R. ENERGY DRINK)**

(Kawża T-456/15) <sup>(1)</sup>

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea T.G.R. ENERGY DRINK — Mala fides — Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2016/C 419/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Foodcare sp. z o.o. (Zabierzów, il-Polonja) (rappreżentant: A. Matusik, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Dariusz Michalczewski (Gdańsk, il-Polonja) (rappreżentanti: B. Matusiewicz-Kulig, M. Czerwińska u M. Marek, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-12 ta’ Mejju 2015 (Każ R 265/2014-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn D. Michalczewski u Foodcare.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Foodcare sp. z o.o. għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Dariusz Michalczewski.

<sup>(1)</sup> ĠU C 328, 5.10.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2016 – Kożmetika Afrodita vs EUIPO – Núñez Martín u Machado Montesinos (KOŻMETIKA AFRODITA)**

(Kawża T-574/15) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva KOŻMETIKA AFRODITA — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti EXOTIC AFRODITA MYSTIC MUSK OIL u figurattiva preċedenti AFRODITA MYSTIC MUSK OIL — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2016/C 419/56)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

**Partijiet**

Rikorrenti: Kozmetika Afrodita d.o.o. Kozmetika Afrodita d.o.o. (Rogaška Slatina, is-Slovenja) (rappreżentant: B. Grešak, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Rajh, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Pedro Núñez Martín (Madrid, Spanja) u Carmen Guillermina Machado Montesinos (Madrid)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Lulju 2015 (Każ R 2577/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn, minn naħa, P. Núñez Martín u C. G. Machado Montesinos u, min-naħa l-oħra, Kożmetika Afrodita.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kożmetika Afrodita d.o.o. hija kkundannata tbat l-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 406, 7.12.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 28 ta' Settembru 2016 – Kożmetika Afrodita vs EUIPO – Núñez Martín et Machado Montesinos (AFRODITA COSMETICS)**

(Kawża T-575/15) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva AFRODITA COSMETICS — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti EXOTIC AFRODITA MYSTIC MUSK OIL u figurattiva preċedenti AFRODITA MYSTIC MUSK OIL — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2016/C 419/57)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

**Partijiet**

Rikorrenti: Kozmetika Afrodita d.o.o. (Rogaška Slatina, is-Slovenja) (rappreżentant: B. Grešak, avukat)